MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 30/2005

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D kjamata fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li premezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur u l-konvenuta huma mizzewgin izda separati wara sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premess Cit. 2592/1998 RCP.

Premess illi fit-18 ta' Marzu 2003 il-konvenuta welldet tarbija li inghatat l-isem D kif jidher fic-certifikat tat-twelid anness ma' l-att tac-citazzjoni (Dok. A);

Premess illi din it-tarbija m’ hijix bint l-attur nonostante li giet registrata hekk izda minn relazzjoni ohra extra konjugali li l-konvenuta kellha ma’ terza persuna; fil-fatt fil-perjodu preskritt mil-ligi huma kienu gja separati fil-fatt u l-konvenuta hbiet it-tqala taghha u t-twelid taghha u l-attur sar jaf bit-twelid diversi xhur wara;

Jghid il-konvenuti ghaliex din l-Onor. m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija D li twieldet lill-konvenuta fit-18 ta’ Marzu 2003 m’ hijix bint l-attur occorrendo l-opra ta’ periti nominandi;

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid li jgib in-numru 8572 tas-sena 2003 billi fil-kolonna intestata “isem u kunjom missier it-tarbija” minflok isem l-attur jitnizzel “mhux maghruf” jew dik l-annotazzjoni li jidrilha xierqa l-istess Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta sakemm l-attur ma jippruvax illi qed jintavola l-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 70(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi l-minuri in kwistjoni ghandha tkun parti mill-kawza u l-interessi taghha rapprezentati permezz ta’ kuraturi deputati.

4. Illi jehtieg illi ssir korrezzjoni fit-tieni talba attrici stante illi n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid in kwistjoni ghandu jaqra 1120 tas-sena 2003.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem “the said” jigu kkancellati min taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenuta C B proprio et nomine debitament ingunta ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA debitament mahluf mill-awturi tieghu;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta’ denegata paternita’ bazata fuq id-dispost ta’ l-artikolu 70[1][b] u [d] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u permezz taghha l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D li twieldet fit-18 ta’ Marzu 2003 mhijiex il-wild naturali tieghu; kif ukoll il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-twelid. Minn naha taghha l-konvenuta C B tammetti din it-talba.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta C, konjugi B kienu sseparaw de facto f’ Ottubru 1998 u minn dak inhar ’il quddiem ma kellhomx relazzjonnijiet intimi.

Sussegwentement l-istess konvenuta kellha zewgt itfal minn terza persuna.

Illi wara li sar il-kuntratt ta’ separazzjoni personali fis-16 ta’ Awwissu 2004 il-konvenuta kienet qalet lill-attur li hi kellha tifla ohra, u cioe’ D li twieldet fid-data fuq indikata. Ghalhekk il-konvenuta B kienet hbiet mill-attur zewgha kemm it-tqala, kif ukoll it-twelid tat-tifla.

Illi r-rapport tad-DNA jikkonferma t-tezi tal-partijiet li t-tifla D mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet in kwantu huma nkompatibbli ma’ dak hawn that deciz, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tifla D li twieldet fit-18 ta’ Marzu 2003;  kif ukoll, tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali fl-Att tat-Twelid taghha fis-sens li jigu kancellati l-isem ta’ l-attur u l-konnotati tieghu, u, minflok jitnizzlu l-kliem “mhux maghruf”.

L-ispejjez ikun a kariku tal-konvenuta C B proprio.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------